

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Obbligi Ta' Manteniment](#) > Slovenia

Obbligi ta' manteniment

Slovenja

Slovenja



SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

Artikolu 71 1. (a) – Qrati għall-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà u qrati tal-appell kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet

Il-qrati distrettwali kollha (*okrožna sodišča*) huma kompetenti biex jittrattaw rikorsi għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà skont l-Artikolu 27(1).

L-appelli mressqa skont l-Artikolu 32(2) kontra deċiżjoni dwar rikors għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà jiġu ttrattati mill-qorti li tiddikjara li d-deċiżjoni hija titolu eżekuttiv.

Artikolu 71 1. (b) – Proċedura ta' rimedju

Skont l-Artikolu 109 tal-Att dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u l-Proċedura (*Zakon o mednarodnem zasebnem pravu in postopku*), l-appelli minn deċiżjonijiet dwar proċeduri ta' rimedju jitressqu lill-Qorti Suprema (*Vrhovno sodišče*).

Il-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja

Tavčarjeva 9

1000 Ljubljana

Telefown: (01) 366 44 44

Faks: (01) 366 43 01

Posta elettronika: urad.vsrs@sodisce.si

Artikolu 71 1. (c) - Proċedura ta' reviżjoni

Skont l-Att dwar il-Proċedura Ċivili (*Zakon o pravdnem postopku*), il-proċeduri applikati fir-Repubblika tas-Slovenja għall-finijiet tal-Artikolu 19 huma, skont il-każ, "Ritrattazzjoni" (*Obnova postopka*) (l-Artikoli 394-401 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili) jew "Talba għal ritorn għall-istatus quo" (*Zahteva za vrnitev v prejšnje stanje*) (l-Artikoli 116-120 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili).

Għall-proċedura ta' rieżami u għall-finijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament, huma l-qrati distrettwali li għandhom

ġuriżdizzjoni, speċifikatament il-qorti li tkun iddeċidiet fl-ewwel istanza.

Artikolu 71 1. (d) - Awtoritajiet Ċentrali

L-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità ċentrali Slovena huma:

Fond għall-Boroż ta' Studju, l-Iżvilupp, id-Diżabilità u l-Manteniment (*Javni štipendijski, razvojni, invalidski in preživninski sklad Republike Slovenije*)

Dunajska cesta 20

1000 Ljubljana

Telefown: +386 1 4720 990

Faks: +386 1 4345 899

Posta elettronika: jpsklad@jps-rs.si

Sit web: <http://www.jpi-sklad.si/>

Artikolu 71 1. (e) - Korpi pubbliċi

Ma hemm l-ebda korp pubbliku jew korp ieħor innominat.

Artikolu 71 1. (f) - Awtoritajiet kompetenti għall-eżekuzzjoni

Il-qorti lokali (*okrajna sodišča*) huma kompetenti fikwistjonijiet ta' eżekuzzjoni (l-Artikolu 5 tal-Att dwar l-Eżekuzzjoni u l-Mandati Kawtelatorji (*Zakon o izvršbi in zavarovanju*)).

Artikolu 71 1. (g) - Lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet ta' dokumenti

Il-lingwa uffiċjali tal-qorti fir-Repubblika tas-Slovenja hija s-Sloven, ħlief fil-qorti elenkati hawn taħt, fejn il-lingwa uffiċjali huma s-Sloven u waħda mil-lingwi tal-komunitajiet nazzjonali:

Il-Qorti Distrettwali ta' Koper

Ferrarska ulica 9

6000 Koper

Is-Sloven u t-Taljan

Il-Qorti Lokali ta' Koper

Ferrarska ulica 9

6000 Koper

Is-Sloven u t-Taljan

Il-Qorti Lokali ta' Piran

Tartinijev trg 1

6330 Piran

Is-Sloven u t-Taljan

Il-Qorti Lokali ta' Lendava

Glavna ulica 9

9220 Lendava

Is-Sloven u l-Ungeriż

Artikolu 71 1. (h) - Lingwi aċċettati mill-Awtoritajiet Ċentrali għall-komunikazzjoni ma' Awtoritajiet Ċentrali oħra

Għall-fini ta' komunikazzjoni ma' awtoritajiet ċentrali oħrajn, l-awtorità ċentrali fis-Slovenja approvat ukoll l-użu tal-Ingliż flimkien mal-użu tal-lingwa uffiċjali.

■ L-aħħar aġġornament: 14/11/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.